# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 49 (STR)

Il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |

ASSENTI

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi- Sindku, is-Sur Joseph Baldacchino ippresjeda l-laqgħa.

## 49.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

49.1.1 Il-Viċi Sindku JB informa li l-Kunsillieri LAG u JBO ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

49.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

49.1.3 Il-Viċi Sindku JB informa li s-Sindku ser jittardja għal-laqgħa minħabba li qiegħed laqgħa oħra dwar il-progress tal-*iskatepark*.

## 49.2 Applikazzjoni tal-Wasteserv f'Birżebbuġa;

49.2.1 Il-Viċi Sindku JB informa dwar applikazzjoni mill-Wasteserv lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar tkabbir tal-impjant tar-riċiklaġġ, bin-numru 3123/18. Huwa informa li dakinhar intbagħtu d-dokumenti mniżżla mis-sit tal-Awtorita' relatati mal-applikazzjoni.

49.2.2 Il-Kunsillier SZ irrimarka li bħal kif jiġri dejjem il-Kunsill sar jaf minn terzi dwar dan l-interess, minflok ġie avviċinat qabel mill-entita' u saret laqgħa ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

49.2.3 Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-iżvilupp irid jitpoġġa fil-kuntest li fl-istess żona hemm żvilupp ieħor, approvazzjoni għall-santwarju tal-klieb, applikazzjoni sottomessa għall-pompa tal-fjuwil u affarijiet oħra.

49.2.4 Il-Kunsillier SZ irrimarka li se mai, irid ikun hemm studju tal-ħsejjes, studju tal-impatt dwar it-traffiku, ġranet tax-xogħol u ħinijiet.

49.2.5 Il-Kunsillier SZ irrimarka li studju tal-istorbju, irid ikun inkorporat fil-kuntest tal-użu taż-żona, fejn diġa' hemm storbju ieħor tal-impjant tal-gasparell, trakka tal-kwart ta' mil, kumpless tal-isparar, kaċċaturi u ajruplani, apparti l-Freeport. L-Istess japplika għat-traffiku.

49.2.6 Il-Viċi Sindku JB qal li jekk joħroġ tali permess,

a) il-Kunsill għandu jopponi li traffiku jgħaddi miċ-ċentru ta' Birżebbuga iżda għandu jgħaddi minn naħa ta' Ħal Far.
b) għandu jkun hemm ukoll sistema ta' moniteraġġ bħal *monitoring committee* tal-Freeport,
c) il-Kunsill għandu jkollu l-fakulta' li jżur is-sit għall-verifikazzjoni tal-kundizzjonijiet
d) il-permess ikun jiġġedded kull sentejn

e) Ikun hemm fond ta’ *Corporate Responsability*

49.2.7 Il-Kunsillier AC staqsa għalxiex ġie propost Birżebbuġa u mhux post ieħor. Huwa qal li fl-aħħar, il-Kunsill jispiċċa jiġi kkritikat a skapitu ta’ ħaddieħor, għax l-iżvilupp ser isir fil-lokalita’ ta’ Birżebbuġa, u li minnu l-lokalita’ ma tieħu xejn.

49.2.8 Il-Kunsill qabel li jsir rapport mill-Konsulent tal-Kunsill.

49.2.9 Il-Kunsill qabel li jistenna l-laqgħa mitluba mar-rapprezentanti tal-WasteServ.

## 49.3 Stat tat-toroq wara xogħlijiet tal-Enemalta;

49.3.1 Il-Viċi Sindku JB informa li iltaqgħu ma’ diversi rapprezentanti minn Awtoritajiet differenti ġol-Qajjenza.

49.3.2 Il-Viċi Sindku irrimarka lill-Awtoritajiet li l-bankijiet ma ġewx milqugħa tajjeb mir-residenti minħabba li huma bla dahar.

49.3.3 Il-Viċi Sindku informa li tkellmu dwar l-asfaltar u kien hemm il-qbil li jsir l-asfaltar fuq it-trinek li saru. Huwa informa li kif kulħadd jaf, ix-xogħol ta’ asfaltar beda b’mod immedjat, u huwa ppjanat li jitlesta sas-Sibt filgħodu.

49.3.4 Il-Kunsillier SZ irrimarka li dan juri nuqqas ta’ sens komun, fejn primarjament, ma kienx hemm bżonn li jsiru dawn il-laqgħat, iżda kellu jsir ix-xogħol immedjatament. Dan wassal għal ħela ta’ ħin, u kritika bla bżonn.

49.3.5 Il-Kunsillier SZ talab li qabel ma jsir iktar xogħol, il-Kunsill għandu jkun infurmat bil-pjanijiet kollha, inkluż xogħlijiet eżatti li ser isiru, perjodu u durata.

**NB: 6.00pm: Is-Sindku JC attenda għal-laqgħa.**

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar irringrazzja lil Viċi Sindku, u kompla ppresjeda l-laqgħa.

49.3.6 Is-Sindku informa li x-xogħlijiet qed isiru fi stadji sabiex ma jingħalqux toroq bla bżonn. Huwa qabel li l-Kunsill għandu jingħata pjan dettaljat.

49.3.7 Il-Kunsill qabel li ssir talba sabiex isiru dahar għall-bankijiet.

## 49.4 Offerti Pubbliċi;

49.4.1 Is-Sindku JC ressaq ir-rapport tal-Evalwazzjoni tal-Kwotazzjoni BLC/Q/1/2018 – Kiri ta’ Multifunction Printer, fejn il-Bord irrakkomanda li tingħata lil irħas offerent li jissodisfa l-kriterji stabbiliti Il-Kunsill laqa’ r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament

49.4.2 Is-Sindku JC ressaq ir-rapport tal-Evalwazzjoni tal-offerta, BLC/T/5/2018 – Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq fil-lokalita' ta' Birżebbuga, b'metodu favur l-ambjent. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament.

49.4.3 Is-Sindku JC ressaq ir-rapport tal-Evalwazzjoni tal-offerta, BLC/T/6/2018 – Servizz ta' żamma u tindif ta' latrini pubbliċi fil-lokalita' ta' Birżebbuġa, b'metodu favur l-ambjent. Il-Kunsill laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord unanimament.

Il-laqgħa intemmet fis-6.50 ta' filgħaxija.

[Iffirmati] [Iffirmati]

Joseph Cutajar
Sindku

Svetlick Flores
Segretarju Eżekuttiv